Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 87/10**

il-Lussemburgu, 13 ta' Settembru 2010

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

*Udjenza solenni tat-13 ta' Settembru 2010*

B'deċiżjonijiet tat-23 ta' Ġunju 2010 u tas-8 ta' Lulju 2010, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016, il-mandati ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali ta' Marc Jaeger, Josef Azizi, Eugénia Martins de Nazaré Ribeiro, Ottó Czúcz, Irena Wiszniewska-Białecka, Franklin Dehousse, Küllike Jürimäe, Savvas S. Papasavvas, Sten Frimodt Nielsen, Heikki Kanninen u Juraj Schwarcz.

Minflok Arjen W. H. Meij, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri nnominaw, b'deċiżjoni tas-8 ta' Lulju 2010, lil Marc van der Woude bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016.

Illum saret udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-terminazzjoni tal-funzjonijiet u tat-tluq ta' Arjen W. H. Meij, kif ukoll tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Marc van der Woude.

## Marc van der Woude

Imwieled fl-1960 ; gradwat fil-liġi (Università ta' Groningen, 1983) ; studja fil-Collège d'Europe (1983-1984) ; assistent fil-Collège d'Europe (1984-1986) ; inkarigat mill-korsijiet fl-Università ta' Leiden (1986-1987) ; relatur fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1989) ; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1992) ; koordinatur politiku fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1992-1993) ; membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1995) ; avukat Membru tal-Avukatura ta' Brussell sa mill-1995 ; professur fl-Università Erasmus ta' Rotterdam sa mill-2000 ; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*